B 1791

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,651, 26 ta' Mejju, 2026

Taqsima B

A.L. 165 tal-2026

ATT DWAR IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IX-XOGĦOL (KAP. 646)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens, Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-Post tax-Xogħol

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol, il-Ministru responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens, Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-Post tax-Xogħol u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji relatati mal-Espożizzjoni għall-*Carcinogens*, *Mutagens* jew *Reprotoxic Substances* fuq il-Post tax-Xogħol, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 646.14.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (f) tas-subregolament (6) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "tax-xogħol." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tax-xogħol; u" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) id-Direttiva 2024/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-13 ta' Marzu 2024 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u għad-diisoċjanati.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali t-tifsira "*mutagen*" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "*mutagen*" tfisser:

(a) sustanza jew taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala *mutagen* għaċ-ċelloli ġerminali tal-kategorija 1A jew 1B stipulat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li

jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(b) sustanza, taħlita jew proċess imsemmi fl-Iskeda I kif ukoll sustanza jew taħlita rilaxxata minn proċess imsemmi fl-Iskeda I;".

Jemenda l-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Fl-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali l-partita "Ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu" għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"Iċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu	-	-	0.03 ([11])	-	-	-	-	-	-	Sustanza tossika għar-riproduzzjoni mingħajr livell limitu".

Jissostitwixxi l-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. L-Iskeda IV li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA IV
VALURI TA' LIMITU BIJOLOĠIĊI U MIŻURI GĦAS-SORVELJANZA TAS-SAĦĦA
(regolament 16(3))

Iċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu

1.1. Il-monitoraġġ bijoloġiku għandu jinkludi l-kejl tal-livell taċ-ċomb fid-demm (PbB) bl-użu tal-ispettrometrija tal-assorbiment jew metodu li jagħti riżultati ekwivalenti.

1.1.1. Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti huwa: 30 µg Pb/100 ml ta' demm għall-ħaddiema li l-livell taċ-ċomb fid-demm tagħhom jaqbeż il-valur ta' limitu bijoloġiku ta' 30 µg Pb/100 ml ta' demm minħabba espożizzjoni li seħħet qabel id-9 ta' April 2026, iżda huwa inqas minn 70 µg Pb/100 ml ta' demm, is-sorveljanza medika għandha titwettaq fuq bażi regolari. Jekk tiġi stabbilita xejra ta' tnaqqis lejn il-valur ta' limitu ta' 30 Pb/100 ml ta' demm f'dawk il-ħaddiema, dawn jistgħu jitħallew ikomplu b'xogħol li jinvolvi espożizzjoni għaċ-ċomb.

1.1.2. Mill-1 ta' Jannar 2029, il-valur ta' limitu bijoloġiku vinkolanti huwa: 15 µg Pb/100 ml demm ([1]) għall-ħaddiema li l-livell taċ-ċomb fid-demm tagħhom jaqbeż il-valur ta' limitu bijoloġiku ta' 15 µg Pb/100 ml ta' demm minħabba espożizzjoni li seħħet qabel id-9 ta' April 2026, iżda huwa inqas minn 30 µg Pb/100 ml ta' demm, is-sorveljanza medika għandha titwettaq fuq bażi regolari. Jekk tiġi stabbilita xejra ta' tnaqqis lejn il-valur

ta’ limitu ta’ 15 Pb/100 ml ta’ demm f’dawk il-ħaddiema, dawn jistgħu jitħallew ikomplu b’xogħol li jinvolvi espożizzjoni għaċ-ċomb.

1.2. Għandha titwettaq sorveljanza medika jekk l-espożizzjoni għal konċentrazzjoni ta’ ċomb fl-arja tkun akbar minn 0,015 mg/m^3, ikkalkulata bħala medja ponderata skont il-ħin fuq 40 siegħa fil-ġimgħa, jew jekk jitkejjel f’ħaddiema individwali livell ta’ ċomb tad-demm akbar minn 9 µg Pb/100 ml ta’ demm. Is-sorveljanza medika għandha titwettaq ukoll fir-rigward ta’ ħaddiema nisa ta’ età li jista’ jkollhom it-tfal li l-livell taċ-ċomb fid-demm tagħhom jaqbeż l–4,5 µg Pb/100 ml ta’ demm jew il-valur ta’ referenza nazzjonali tal-popolazzjoni ġenerali li ma tkunx esposta fuq il-post tax-xogħol għaċ-ċomb, jekk tali valur ikun jeżisti.

(1) Huwa rakkomandat li l-livell taċ-ċomb fid-demm fin-nisa ta’ età li jista’ jkollhom it-tfal ma jaqbiżx il-valuri ta’ referenza tal-popolazzjoni ġenerali li mhux esposta b’mod okkupazzjonali għaċ-ċomb fl-Istati Membri rispettivi tal-UE. Meta l-livelli ta’ referenza nazzjonali ma jkunux disponibbli, huwa rakkomandat li l-livelli ta’ ċomb fid-demm fin-nisa fl-età li jista’ jkollhom it-tfal ma jaqbżux il-Valur ta’ Gwida Bijoloġiku ta’ 4,5 µg/100 ml.".